MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 164/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Attard**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jonathan Attard, karta ta’ l-identita` numru 423584(M), talli b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk if żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu

ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bejn il-5 ta' Awwissu 2013 sat-30 ta' Settembru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Raisa Micallef u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jonathan Attard ħati u kkundannatu xahar priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Attard ppreżentat fl-14 ta' April 2014 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliġġi piena iktar idoneja u inqas ħarxa;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi l-bilanċ dovut mill-appellant tħallas seduta stante; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju uniku ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis esaġerata tenut kont li huwa ma riedx jaħrab mill-obbligi tiegħu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien għadu mhuwiex f'posizzjoni li jħallas il-manteniment dovut għall-perijodu in kwistjoni.

**6.** Il-pagament dovut għall-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni sar fil-mori ta' l-appell, bl-aħħar bilanċ jitħallas proprju llum.

**7.** Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

> **"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------